MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 305/2009

Alan Bartoli ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija C & H Bartoli Ltd ( C 383)

vs

Joseph Mifsud ( I.D 171868M)

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur nomine, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kumpanija attrici bieghet f`diversi okkazzjonijiet catering equipment lil konvenut Joseph Mifsud.

2. Illi l-konvenut ghandu ihallas is-somma ta hamsa u ghoxrin elf disa mija hamsa u tmenin euro u seba

centezimi ( 25,985.07 euro) bilanc ta somma akbar dovuta ghall-istess catering equipment mibjugha u kkonsenjati lilu skond l-istatement markat Dok A hawn unit.

3. Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet verbali il-konvenut baqa ma hallas is-somma dovuta.Ghaldaqstant l-kumpanija attrici ma kellhiex mod iehor hlief biex tipprocedi legalment biex tissalvagwarda id-debitu dovut lilha.

4. Minbarra dan l-ammont dovut hemm ukoll l-imghax ta 8% fis-sena fuqu u dana mill-25 ta Gunju 2007 komprizi ukoll l-ispejjes tal-prezenti proceduri kif ukoll tal-mandat kawtelatorju prezentat kontestwalment.

Talab li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tikkundanna lill-konvenut Joseph Mifsud biex ihallas il-kumpanija attrici il-bilanc li fadallu jaghti cioe is-somma ta hamsa u ghoxrin elf disa mija hamsa u tmenin euro u seba centezimi (25,985.07 euro) bl-imghax ta 8% fis-sena mill-25 ta Gunju 2007 u dan bl-ispejjes tal-prezenti proceduri kif ukoll dawk tal-mandat taghha kawtelatorju.

Rat in-nota tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jipprezenta risposta guramentata u b'hekk baqa kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil Alan Bartoli fis-seduta tal-14 ta' April, 2010 jikkonferma bil-gurament illi mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat sa dakinhar baqa ma thallas xejn minghand il-konvenut;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ippruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-kumpannija attrici is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf disa mija hamsa u tmenin euro u seba centezimi (€25,985.07) bl-imghax ta 8% fis-sena mill-25 ta Gunju 2007 dovuta kif inghad; bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------